C/2025/3585

27.6.2025

Avviż għall-attenzjoni tal-persuna soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1279, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1278 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja

(C/2025/3585)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tal-persuna li tidher fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1279 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1278 ([4]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li jenħtieġ li din il-persuna tiġi inkluża fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 u fir-Regolament (UE) 2024/2642 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja. Ir-raġunijiet għad-deżinjazzjoni jinsabu fl-entrata rilevanti fl-Annessi msemmija hawn fuq.

Qed tingħata l-attenzjoni tal-persuna għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat (i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/2642, sabiex tikseb awtorizzazzjoni biex tuża l-fondi friżati għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuna kkonċernata tista' tressaq talba lill-Kunsill **qabel l-4 ta' Lulju 2025**, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, biex terġa' titqies id-deċiżjoni li tiġi inkluża fil-lista msemmija hawn fuq, fl-indirizz li ġej.

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Qiegħda tingħata l-attenzjoni ukoll l-attenzjoni tal-persuna kkonċernata għall-possibbiltà li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj.
([2]) ĠU L, 2025/1279, 26.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1279/oj.
([3]) ĠU L, 2024/2642, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2642/oj.
([4]) ĠU L, 2025/1278, 26.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1278/oj.